2024/437

31.1.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/437

tad-29 ta' Jannar 2024

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Awstrijak,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbaži tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Martin EICHTINGER sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sur Karl Wilfing, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Präsident des Niederösterreichischen Landtages, Land Niederösterreich* (President tal-Parlament tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel, Reġjun tal-Awstrija t'Isfel), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Karl Wilfing, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Präsident des Niederösterreichischen Landtages, Land Niederösterreich* (President tal-Parlament tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel, Reġjun tal-Awstrija t'Isfel), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).